# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tad-29 ta' Novembru 2018 – ARFEA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-720/16)**

"Għajnuna mill-Istat – Kumpens retroattiv ta' servizz pubbliku mogħti mill-awtoritajiet Taljani – Servizz ta' trasport reġonali ta' passiġġieri permezz tal-karozza tal-linja pprovdut bejn 1997 u 1998 fuq il-bażi ta' konċessjonijiet – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Sentenza Altmark – Applikazzjoni *ratione temporis* tar-regoli ta' dritt sostantiv"

1. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati – Assenza – Inammissibbiltà*

   *(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d))*

   *(ara l-punt 64)*

2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Kompetenzi u ġurisdizzjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Qrati nazzjonali – Rwol tal-qrati nazzjonali – Prinċipju tal-awtorità ta' res judicata – Nuqqas ta' infurzabbiltà tal-prinċipju tal-awtorità ta' res judicata għall-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-kompetenza esklużiva tagħha ta' investigazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat*

   *(Artikoli 107(1) TFUE u 108(3) TFUE)*

   *(ara l-punti 68 sa 70)*

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Kunċett – Miżuri intiżi sabiex jikkumpensaw l-ispejjeż tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku sostnuti minn impriża – Esklużjoni – Kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Altmark – Natura kumulattiva*

   *(Artikolu 107(1) TFUE)*

   *(ara l-punti 73 sa 79, 111)*

4. *Kompetizzjoni – Impriżi responsabbli għall-ġestjoni ta' servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali – Definizzjoni ta' servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali – Setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri – Limiti – Investigazzjoni tal-Kummissjoni limitata għall-każijiet ta' żball manifest*

*(Artikoli 106(2) TFUE u 107(1) TFUE)*

*(ara l-punti 87, 88)*

5. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Limiti – Applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu meta l-leġiżlazzjoni preċedenti kienet fis-seħħ*

   *(ara l-punti 122, 123)*

6. *Trasport – Għajnuna għat-trasport – Regolament Nru 1370/2007 – Applikazzjoni ratione temporis – Applikazzjoni għall-għajnuna mħallsa mid-dħul fis-seħħ tar-regolament, bla ħsara għal dispożizzjonijiet tranżitorji*

   *(Artikoli 107(1) TFUE u 108(3) TFUE; Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill Nru 1370/2007; Regolament tal-Kunsill Nru 1191/69)*

   *(ara l-punti 132, 133, 136)*

7. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Għajnuna eżistenti u għajnuna ġdida – Kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku fil-qasam ta' trasport reġjonali – Eżenzjoni mill-obbligu ta' komunikazzjoni previst mill-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1191/69 – Miżura li ma tosservax il-kriterji materjali ta' dan ir-regolament – Klassifikazzjoni bħala għajnuna ġdida – Obbligu ta' komunikazzjoni minn qabel*

   *(Artikolu 108 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1191/69, Artkolu 17(2))*

   *(ara l-punti 153 sa 168)*

8. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Irkupru ta' għajnuna illegali – Preskrizzjoni deċennali – Bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni – Data tal-għoti tal-għajnuna lill-benefiċjarju – Data li tista' tvarja skont in-natura tal-għajnuna inkwistjoni – Għajnuna mogħtija abbażi ta' deċiżjoni ta' qorti nazzjonali – Data ta' għoti li tikkorrispondi ma' dik tal-għoti ta' din id-deċiżjoni*

   *(Artikolu 108(2) TFUE; Regolament 2015/1589, Artikolu 17)*

   *(ara l-punti 171 sa 187)*

9. *Atti tal-istituzzjonijiet – Applikazzjoni ratione temporis – Regoli proċedurali – Applikazzjoni għat-tilwimiet pendenti fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħhom*

   *(Regolament tal-Kunsill 2015/1589, Artikolu 17)*

   *(ara l-punti 172, 173)*

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2084 tal-10 ta' Ġunju 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38132 (2015/C) (ex 2014/NN) – Kumpens PSO għall-Arfea (ĠU 2016, L 321, p. 57).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Aziende riunite filovie ed autolinee Srl (ARFEA) hija kkundannata għall-ispejjeż.